**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | |
|---|---|
| **Laqgħa Nru. 11/24** | |
| **Data:** | Il-Ħamis, 17 t'Ottubru 2024 |
| **Ħin:** | 5:42pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**

Joan Agius - Sindku
Raymond Caruana - Viċi-Sindku (Mis-5:49pm sat-8:21pm)
Enya Abela - Kunsilliera (Sat-8:43pm)
Christian Attard - Kunsillier (Mis-5:53pm)
Anthony Aquilina - Kunsillier
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Sat-8:02pm)
Roderick Caruana - Kunsillier
Ivan Giardina - Kunsillier (Sad-8:40pm)
Luke Doublet - Kunsillier
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

| | |
|---|---|
| **11.01** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;** |
| **11.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;** |
| **11.03** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;** |
| **11.04** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;** |
| **11.05** | ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** |
| **11.06** | **Ġnien l-Għannejja Żwieten;** |
| **11.07** | **Servizz tas-Silver-T;** |
| **11.08** | **Misraħ Santa Marija;** |
| **11.09** | **Proġett Bellus;** |
| **11.10** | **Tipping fees tal-skart;** |
| **11.11** | **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;** |
| **11.12** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** |
| **11.13** | **Mozzjonijiet; u** |
| **11.14** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** |

**11. 1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 1. 1 | | | Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji. | |

**11. 2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Aquilina | Il-Minuti 10/24 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 11. 2. 1 | 10.03.10 | Aquilina: Żjara f'Ċelano | Għandha tiżdied b'affiljazzjoni mal-Għaqda Beland. | |
| 11. 2. 2 | 10.02.09 | Attard: Bust ta' Sur Joe Attard / Zebra Crossing Triq Alfredo Cachia Zammit | Din għandha taqra bħala żewġ items u mhux waħda. | |
| 11. 2. 3 | 10.12.02 | Abela: Problema tal-ħamiem | Għandha tiżdied li ma kinx hemm qbil dwar din il-mozzjoni peress li kien hemm emenda. | |
| 11. 2. 4 | 10.02.05 | Abela: Blood Donation Unit | In-no parkings ma sarux kif suppost. L-avviżi fil-knisja ma sarux peress li bħala kunsill m'avżajniex lill-knisja. | |

**Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

| 11. 2. Riferenza | | | Rif | Rapporti mill-Minuti Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 5 | 10.02.05 | Camilleri: Blood Donation Unit | Camilleri staqsiet kemm kienet il-konkorrenza tad-donaturi. Abela wieġbet li marru 26 donatur. | Abela |
| 11. | 2 | 6 | 10.02.07 | Giardina: Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Giardina ġibed l-attenzjoni sabiex l-entitajiet għandhom jinfurmawna b'dak kollu li jkun għaddej fil-lokal. Is-Sindku qalet li din hija prassi li ilha għaddejja u sfortunament qed taffetwana ħażin. Issemmiet il-petizzjoni li l-kunsilliera għamlet mar-residenti tal-istess triq. Din ġiet kjarifikata mis-Sindku li din diġa konna qed naħdmu bħala kunsill fuqha. | Sindku |
| 11. | 2 | 7 | 10.02.09 | Aquilina: Bust Joe Attard | Aquilina staqsa jekk dan hux ser ikun lest sa' Novembru. Is-Sindku qalet li x-xogħol fuqu għadu għaddej. | Sindku |
| 11. | 2 | 8 | 10.02.18 | Caruana Ray: Tindif | Caruana irringrazzja lil dawk kollha li taw sehmhom fil-clean up li saret fiċ-ċimiterju. Propona li l-iskart tieħu ħsiebu l-knisja u dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Caruana Ray |
| 11. | 2 | 9 | 10.02.19 | Caruana Ray: Skate Park | Caruana qali li wasal iż-żmien sabiex il-fanali li jdawwlu dan il-ġnien jinbidlu għax saru ta' periklu kbir. Ser naraw x'hawn fis-suq u jibda l-proċess sabiex dawn jinbidlu. | Caruana Ray |
| 11. | 2 | 10 | 10.02.21 | Aquilina: Kunċert tal-Milied | Aquilina qal li qed jissuġerixxi t-18 ta' Diċembru u kellu laqgħa għal-kompetizzjoni tal-prepsepji. | Aquilina |
| 11. | 2 | 11 | 10.03.05 | Caruana Ray: Knies ta' toroq | Caruana talab sabiex jibda t-tindif tal-culverst malajr kemm jista' jkun. | Sindku |
| 11. | 2 | 12 | 10.03.07 | Sindku: Triq id-Daħla ta' San Tumas | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mal-perit Massa. Rigward il-probelma ta' sigurta' mis-sewwieqa li ser joħorġu minn Triq il-Qadi ser isiru calmers fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, kif ukoll ser nitkellmu mal-Faces sabiex jerġa jsir l-bus shelter. Attard qal li għalissa sar wieħed temporanju. | Sindku |
| 11. | 2 | 13 | 10.03.19 | Aquilina: Dog Park | Aquilina talab update dwar dan. Is-Sindku wieġbet li kellha laqgħa mal-ERA u dan ser isir billi jsir fencing u titħalla żona apposta għal hekk fil-parti t'isfel tal-Ġnien l-Għannejja Żwieten.<br>Ser isiru wkoll it-tabelli sabiex fil-ġnien ma jiddaħlux klieb. | Sindku |
| 11. | 2 | 14 | 10.04.03 | Caruana Roderick: Ibins | Caruana qal li għandna nsibu post alternattiv. Camilleri qalet sabiex issir laqgħa u jinstab dan il-post. | Caruana Roderick |
| 11. | 2 | 15 | 10.04.04 | Caruana Roderick: Applikazzjonijiet tal-PA | Il-laqgħa mal-Perit Abela ser ikollha tiġi posposta minħabba li jinsab indispost. | Caruana Roderick |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 2 | 16 | 10.08.01 | Sindku: Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li l-edizzjoni ta' din is-sena kienet suċċess kbir. Irringrazzjat lil dawk kollha li taw sehmhom għal dan. Minħabba ntoppi li nqalgħu bejn il-każini ser tiġi kunsidrata li titmexxa għal data oħra. Kien hemm qbil unanimu li din tmur għar-raba' ħadd ta' Ottubru. Aquilina semma proposti li ninvolvu l-għassara taż-żebbuġ. Is-Sindku qalet li ser tkun qed taħdem dwar dan peress li diġa għandha l-lista tal-għassara u tixtieq li jkollna mużew taż-żebbuġ. | Sindku |

**11 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML10/24. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 1 | | Sindku: Vjal Kulħadd | Is-Sindku qalet li kellha laqgħa mas-Sur Ellul dwar ix-xogħlijiet li bdew fi Triq Ħaż Żabbar fejn ser ikunu qed jiżdiedu s-siġar, passaġġi għal mixi kif ukoll roti. Qalet li aħna ser inkunu qed inressqu proposti sabiex dan jiġi mplimentat f' Misraħ Karmenu Grima. Aquilina sema' li x'aktarx din l-art privata u rridu niċċekjaw dwar dan. | Sindku |
| 11 | 3 | 2 | | Sindku: Manuċċa | Is-Sindku qalet li fl-20 ta' Settembru saret il-gradwazzjoni tat-tfal li waslu fl-aħħar tat-terminu. | Sindku |
| 11 | 3 | 3 | | Sindku: Award mir-Rabbit Club | Is-Sindku qale tl l ġiet preżentata rikonoxximent għal-għajnuna li dejjem sabu min naħa tal-Kunsill mill-Malta Rabbit Club.. | |
| 11 | 3 | 4 | | Sindku: Laqgħa mas-surmast | Is-Sindku qalet li hi flimkien ma' Camilleri kellhom laqgħa u semmew diversi punti fosthom il-konfuzzjoni tat-traffiku kif ukoll il-fdalijiet rumani li jinsabu maġenb l-iskola. Dwar dan kien hemm protesta minn Wirt iż-Żejtun li bħala Kunsill konna preżenti. Is-Sindku qalet li talbuna l-għajnuna. Aquilina qal li dam għandu jitnaddfu mill-Heritage peress li huwa post sensittiv. | Sindku / Camilleri |
| 11 | 3 | 5 | 11 | Sindku: Finanzjament ta' proġetti kapitali. Ġnien l-Għannejja Żwieten. | Kien hemm diskussjoni dwar dan u qbil unanimu. Is-Segretarju spjega li konna tfajna applikazzjoni sabiex isir print il-pavimentar. Dwar dan hemm riservi u il-ħsieb huwa li dan jerġa jintefa l-permess sabiex nirranġaw il-paviment eżistenti. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 6 | | SPI/SCI/07/2024 Espressjoni ta' interess - servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi | Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li napplikaw għall-fondi sabiex jiġi rranġat il-ħajt diviżorju fil-ġnien tal-kunsill kif ukoll issir manutenzjoni tal-aperturi, persjani u l-gallarija tal-kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 3 | 7 | 20 | Sindku: Palk ewlieni Żejt iż-Żejtun | Is-Sindku qalet li avviċinawha ċ-Circolo Mużikali Santa Katarina dwar li l-palk prinċipali qed jagħtti l-binja tagħhom.Dwar dan ma kinx hemm qbil li jitmexxa u ser jibqa' jintrama fejn hu. | Sindku |
| 11 | 3 | 8 | 21/22 | Key access | Kien hemm qbil unanimu li dawn jiġu nstallati. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 9 | 23 | Mikrofoni għas-sala tal-kunsill | Kien hemm qbil unanimu dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 10 | 25 | Sindku: Triq Bugħarbiel | Is-Sindku qalet li saret il-laqgħa u dwar dan jidher li kien hemm qbil mir-residenti. Ser niġbru iktar feedback qabel tittieħed deċiżżjoni finali. | Sindku |
| 11 | 3 | 11 | 30 | Sindku: Uniformi | Is-Sindku qalet li l-ħaddiema marru jieħdu l-qisin. Tressqet l-istima u dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 12 | | Sindku: Tilqima | Tqajjmet id-diskussjoni li t-tilqima ser tinagħata l-policlinic Raħal Ġdid. Abela qalet li tawna l-għażla li jekk irridu nġibu tabib il-berġa u jingħataw hemm. Ser naraw x'għażliet għandna eżatt. | Abela |
| 11 | 3 | 13 | 16 | Sindku: Multa mill-ERA | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħala kunsill kienet rinunzjata u ser titħallas mill-impjegat. Ser nitolbu li din tiġi maħruġa f'ismu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 14 | | Kameras fil-ġonna | Kien hemm diskussjoni dwar diversi żoni sabiex jiġu nstallati l-kameras. Tressqu kwotazzjonijiet għal bidla fis-sistema ta' Ġnien Mikiel Anton Vassalli. Dwar dan kien hemm qbil u ser jiġu konsidrati dome cameras portable ukoll f'żoni oħra. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 | 3 | 15 | 31 | Sindku: Ittra legali | Is-Sindku qalet li rċevejna ittra mis-Sur Johann Schembri fejn qiegħed jitlob lura art fi Triq Bisqallin li ġiet asfaltata mill-kunsill snin ilu u qiegħed jisħaq li hi propjeta' tiegħu.<br>Fl-2023 is-Sur Schembri kiteb lill-Kunsill fejn staqsa jekk hemmx interess li din l-art tinxtara mill-Kunsill. Il-Kunsill ma kellux interess f'din il-proposta. Il-Kunsill ser ikun qed jevalwa u jikkonferma jekk din l-art hiex tas-Sur Schembri. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 4.** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 4 | 1 | | Caruana Roderick | Caruana staqsa dwar il-proġett ta' twessih fi Triq Toni Zahra. Qal li qabel jibda l-ippjanar għandhom jiġu konsultati r-residenti. Is-Sindku qalet li din għadha fi stadji bikrin ħafna u meta jasal il-waqt nitkellmuha. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. 4 | 2 | | Camilleri: Kotba ġodda għal-librerija | Camilleri qalet li rridu ninvestu f'kotba ġodda għal librerija. Kien hemm qbil dwar dan.<br>Qalet ukoll li ser tinbidel il-plakka li hemm fid-daħla. Faħħret ukoll lis-Sur Andre Mifsud li l-kitba tiegħu ġiet ppublikata f'Leħen il-Malti. | Camilleri |
| 11. 4 | 3 | | Segretarju Eżekuttiv: Vann għal-ġardinara | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li peress li qed isir ħafna żbir u l-ispiża tal-skips qed tiġi għolja, qal li wasal iż-żmien nikkonsidraw nixtru vann second hand sabiex il-proċess ikun irħas u iktar effiċjenti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. 4 | 4 | | Attard: Lapida fi Triq il-Pres. Anton Buttiġieġ. | Attard ressaq proposta sabiex issir lapida bħala tifkira għal persuna li mietet dan l-aħħar f'din it-triq, Il-familjari jridu jagħmlu talba lill-TM dwar dan. Il-kunsill ma jsibx oġeżżjoni. | |
| **11. 5.** | | | **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;** | | |
| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 11. 5 | 1 | | Attard: Timed parking | Attard qal li saret talba sabiex wieħed mill-parkeġġi f'Misraħ ir-Reppublika isir timed parking. Qal li l-bejjiegħa tal-pastizzi għandhom dritt għal dan. Ser issir talba lil TM dwar dan. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 5 | 2 | | Attard: Timed parking parkeġġ f'Misraħ Wistin Abela | Attard qal li wasal iż-żmien li wieħed mill-parkeġġi tad-disabled għandu jsir timed parking. Kien hemm qbil dwar dan u ser issir it-talba lill Tm sabiex wieħed miż-żewġ parkeġġi f'Misraħ Wistin Abela isir timed. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11 5 | 3 | | Attard: Problema bil-Maltapost fi Triq id-Duluri | Attard qajjem il-problema li ilha teżisti f'din it-triq. | |
| 11 5 | 4 | | Attard: One Way fil-parti d-dejqa ta' Triq Kastellan | Attard qal li waslitlu talba sabiex din il-parti ssir one way. | |
| 11 5 | 5 | | Camilleri: Studenti franċiżi | Bħalissa hawn grupp studenti franċiżi li qed jistudjaw għal periti. Qed jiġu l-kunsill sabiex isir disinn ta' ġnien iċ-ċrieki b'idejat kif jista' jissebbaħ.Ser issir preżentazzjoni għada dwar dak li ħadmu fuqu. | Camilleri |
| 11 5 | 6 | | Aquilina: Siġra tal-Milied | Aquilina issuġerixxa li għandha tinġieb siġra naturali tal-Milied fil-pjazza. Issuġerixxa wkoll li jiżdied l-armar fil-bokok kollha tat-toroq li jmissu ma' Misraħ Karlu Diacono. Qal ukoll li għandu jarma kmieni sabiex jitgawda. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u ser inkunu qed nitkellmu mal-kuntrattur li jieħu ħsieb it-tiżjin tal-Milied. | Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11 5 7 | | Giardina: Bankina | Giaridna talab li l-biċċa ta' quddiem il-Klabb tal-Boċċi issir bankina u mhux kif kien propost siġar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. | Sindku |

**11. 6.** **Ġnien l-Għannejja Żwieten;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li bħalissa hemm problema b'wieħed mill-ġardinara li jieħu ħsieb il-ġonna. Is-Sur Borg qed ikollu atteġjament mhux aċċettat kif ukoll dewmien żejjed biex iwettaq xogħlu. Diġa' ħariġlu warning bil-miktub li hu m'aċċetax u kien hemm qbil li jerġa jinħareġ warning ieħor. | |

**11. 7.** ***Servizz tas-Silver-T;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11 7 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li tkellmet ma' min qed joffri s-servizz bħalissa u jidher li dan ma jridx jagħmlu estenzjoni biex jaqdu l-bżonnijiet tagħna. Ser inkunu qed niċċekjaw sabiex dan jinġieb lura u jiġi utilizzat skond l-esiġenzi tagħna. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 8.** **Misraħ Santa Marija;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 8. 1 | | Sindku | Is-Sindku qalet li l-proġett hekk kif propost mill-periti li żaruna mill-palestina ġie konkluż. Ser ikun qed jiġi ċċirkolat sabiex naraw dak li qed jiġi propost. | |

**11. 9.** **Proġett Bellus;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 9. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm żblogg fuq dan il-proġett u l-ERA ser tkun qed tagħmel ix-xogħol fuq il-ħitan tas-sejjiegħ. IM ser tkun qed tieħu ħsieb li jsiru t-toroq fiż-żona ta' Ġebel San Martin. | |

**11. 10.** **Tipping fees tal-skart;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 10. 1 | | Segretarju Eżekuttiv: *Tipping fees* | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill dwar diskrepanzi li qed nirċievu fil-kontijiet ta' tipping fess minn naħa tar-Reġjun. Wara diskussjoni ġie deċiż u dwar dan kien hemm qbil unanimu li dawn il-kontijiet ma jitħallsux qabel jiġu riveduti u spjegati eżatt kif qed jinħadmu. | Segretarju Eżekuttiv |

**11. 11.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11 11 1 | | Aquilina: Attivitajiet tal-Milied | Aquilina qal li wasal iż-żmien naħsbu għal attivitajiet tal-Milied kif ukoll it-tiżjin tal-Milied. Ġie diskuss kif sar ir-riċeviment tas-sena l-oħra u jidher li dis-sena l-każini mhux interessati jagħmlu l-istess. Ser inkunu qed naraw kif l-aħjar isir | Aquilina |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | 11 | 2 | Camilleri: Christmas Market | Camilleri qalet li l-Iskola Primarja B ser torganizza Christmas Market u l-kunsill ser inkun qed jgħin. Dan ser isir fit-12 ta' Diċembru. Hemm il-ħsieb li jsir suq Malti filgħaxija u presepju ħaj fil-pjazza. | Camilleri |
| 11 | 11 | 3 | Camilleri: Borża ta' San martin | Camilleri qalet li fil-21 ta' Ottubru ser issir attivita' mid-Dipartiment tal-Kultura fejn ser jitqassmu l-boroż ta' San Martin fl-iskola Primarja B. | Camilleri |
| 11 | 11 | 4 | Camilleri: Halloween | Ser issir attivita' fil-31 ta' Ottubru ż-żona ta' Santa Marija. Ser isiru stalls bi krafts u trick or treat. Ħeġġet lil kulħadd jattendi u jilbes kostum tal-Halloween. | Camilleri |
| 11 | 11 | 5 | Camilleri: | Fis-7 ta' Novembru ġejjiem żewġ klassijiet mil-iskola tal-Gżira tal-Year 4. Ser jaqtgħu iż-żebbuġ u jinagħtaw ktieb dwar s-siġra u l-għasir taż-żebbuġ. Dan ser jintgħasar u ssir ftira maltija. | Camilleri |
| 11 | 11 | 6 | Abela: Dental Unit | Abela qalet li fit-13 ta' Novembru ser ikun fostna d-dental unit. | Abela |
| 11 | 11 | 7 | Sindku: Weekend Break | Is-Sindku qalet li dan ser isir bejn it-22 u l-24 ta' Novembru fil-Labranda Riviera Hotel. | Sindku |
| 11 | 11 | 8 | Sindku: Ħarġa | Din ser issir fid-29 ta' Ottubru għas-Shorline. | Sindku |
| 11 | 11 | 9 | Sindku: Pantomima | Is-Sindku qalet li l-Pantomima mtellgħa mill-4J's-dis-sena ser issir bejn is-26 u d-29 ta' Diċembru. Ser ikunu qed jgħinu lil Thiago, tifel Żejtuni. | Sindku |
| 11 | 11 | 10 | Sindku: Ħarġa Mużew tal-Arkeoloġija | Is-Sindku qale tll l l-ġimgħa l-oħra tfal tal-iskola żaru dan il-mużew u ingħataw mazz karti relatati mal-vari. | Sindku |
| 11 | 11 | 11 | Caruana Roderick: Cleanup | Caruana qal li hemm il-ħsieb li ssir clean up oħra f'żona oħra taċ-ċimiterju. | Caruana Roderick |

**11. 12. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**

| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|
| 11. | 12. | 1 | Tabella tal-Ħlasijiet 10/24 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 12. | 2 | Talbiet għal Xiri Seduta 10/24 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 11. | 12. | 3 | *Petty Cash* - Settembru 2024 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Diċembru hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €226.78 | Segretarju Eżekuttiv |

**11 13 Mozzjonijiet; u**

| **Riferenza** | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11. | 13 | 1 | Caruana Roderick: Monument fid-daħla taż-Żejtun | Caruana ressaq din il-mozzjoni li kienet sekondata minn Abela. Hu spjega li wasal iż-żmien li l-bust eżistenti għandu jiċċaqlaq minn fejn hu għal Ġnien l-Għannejja Żwieten u jsir monument kif jixraq f'din iż-żona. Bħala kunsill ser inkunu qed nitkellmu mal-familjari biex naraw jaċċettawx li dan jiċċaqlaq min fejn hu. Aqulina qal li diġa ġabar xi ideat x'jista' jsir minn nies kompetenti fuq dan ix-xogħol. |

**11 14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fid-9:17 pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru 2024 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Joan Agius
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv